CCT/120/21/S

Michael Dalli

vs

Emanuel Deguara eżerċenti l-kummerċ bħala APEX Lifts

Illum 5 ta' Diċembru, 2023.

It-Tribunal,

Ra t-Talba ta' Michael Dalli ippreżentata fit-23 ta' Lulju, 2021, filwaqt li l-intimat Emanuel Deguara eżerċenti l-kummerċ bħala APEX Lifts għalkemm debitament notifikat baqa' la ppreżenta risposta u lanqas deher quddiem dan it-Tribuna;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lir-rikorrenti u x-xhieda tiegħu;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda installar tal-lift illi mall-ewwel beda jagħti l-problemi;

Illi jingħad mal-ewwel illi l-intimat naqas milli jwieġeb għat-talba tar-rikorrenti u lanqas deher għas-seduta li saret;

Illi t-Tribunal għandu quddiemu verżjoni waħda u ċioé dik tar-rikorrenti li ma ġietx kontradetta bl-ebda mod mill-intimat;

Illi n-nuqqas ta' dehra tal-intimat, ma jfissirx li dan it-Tribunal m'għandux jixtarr dak mitlub u kemm dan hu ġustifikat;

Illi r-rikorrenti spjega kif wasal għat-talba mitluba u ppreżenta d-dokumentazzjoni relattiva;

Illi min-naħa l-oħra l-intimat ma deherx biex jitfa' dawl fuq din it-talba u lanqas biex jagħti l-verżjoni tiegħu jew kwalunkwe kontestazzjoni għat-talba tar-rikorrenti;

Decide

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, t-Tribunal qiegħed Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jilqa' t-talba ta' Michael Dalli u jordna lill-intimat Emanuel Deguara eżerċenti l-kummerċ bħala APEX Lifts iħallas lil Michael Dalli s-somma ta' €3,494.06c (Tliet elef, erba' mija u erbgħa u disgħin Ewro, u sitt ċenteżmi), kif konfermata mix-xhieda tal-istess rikorrenti u d-dokumentazzjoni ppreżentata. Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-istess intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru